MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-24 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 210/2009

Kawza fil-lista: 21

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. “Illi l-partijiet izzewgu fl-24 ta' April 2002 fir-Registru taz-Zwigijiet, Valletta, u dan iz-zwieg gie rregistrat bhala Zwieg Nru 368/2002; illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla wanda, Shaya, li llum ghandha tliet (3) snin; illi gie ffirmat bejn il-partijiet kuntratt ta' separazzjoni tal-beni, iffirmat fl-24 ta' Settembru 2002, fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, u ghaldaqstant ma tissussistix il-Komunjoni ta' l-Akkwisti;

2. Illi l-proceduri ta' medjazzjoni quddiem Dr. Barbra O'Brien ma rnexxewx minhabba n-nuqqas ta' attendenza ghas-seduti tal-konvenut, u ghaldaqstant l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'dan ir-rikors permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-21 ta’ Mejju 2009;

3. Illi l-hajja rnizzewga m'ghadhiex possibbli minhabba li l-konvenut wettaq fuq l-attrici atti ta' vjolenza domestika diversi drabi, u fxi istanzi fil-presenza tal-minuri Shaya, u dwar dan hemm proceduri kriminali pendenti; illi fis-16 ta' Dicembru 2008 il-konvenut biddel is-serratura tad-dar matrimonjali u sakkar barra lill-attrici u lil binthom Shaya u sal-lum ghadu jirrifjuta li jaghtihom access;

4. Illi minkejja li d-dar matrimonjali hija proprjeta’ tal-konvenut, l-attrici ghamlet diversi spejjez sabiex tarma d-dar b'oggetti mobbli u bibien; illi dawn l-ispejjez hallsithom kollha l-attrici; illi l-konvenut ghadu sallum jirrifjuta li jrodd din l-ghamara, li issa l-attrici tehtieg ghad-dar fejn qieghda tghix hi mal-minuri Shaya, jew fejn il-mobbli ma jistghux jinqalghu rninghajr ma ssir hsara, il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici l-valur shih ta' dawn il-mobbli stante li dawn ghadhom godda; illi 1-ammont totali li nefqet l-attrici huwa ta' harnest elef seba' mija u sittin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (EUR 5760.55);

5. Illi l-attrici pprezentat rikorsi sabiex jigi stabbilit pendente lite l-manteniment u l-access ghall-minuri Shaya, galadarba l-konvenut jirrifjuta li jhallas manteniment ghall-istess Shaya, u anzi qatt ma kkontribwixxa ghall-manteniment tal-minuri minn mindu dina twieldet, mekk meta kien jinsab il-habs u kif ukoll wara li gie rilaxxjat;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dana ghall- ragunijiet imputabbli ghall-konvenut ai termini ta' l-Artikolu 40 tal-Kap 16;

2. Tistabbilixxi l-manteniment li ghandu jhallas il-konvenut lill-attrici ghall-minuri Shaya filwaqt li jittiehed in konsiderazzjoni l-fatt illi wara dan is-sajf il-minuri se tibda l-iskola primarja, u tistabbilixxi u tordna l-hlas ta' manteniment b'lura ghal dawn l-ahhar snin tul it-twelid tal-minuri meta l-konvenut naqas li jhallas manteniment ghall-istess minuri Shaya;

3. Tordna r-radd mill-konvenut tal-proprjeta kollha ta' l-attrici jew fin-nuqqas il-hlas lura tal-valur ta' l-oggetti mobbli kollha li ghalihom kienet hallset l-attrici kif imsemmi hawn fuq, jew fin-nuqqas tordna lill-konvenut ihallas l-ammonti ekwivalenti ghall-prezzijiet imhallsa mill-attrici, u tistabbilixxi penali ghal kull gurnata ta' dewmien.

4. Taghmel kull provvedirnent iehor li jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi."

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti tal-attrici.

Rat li l-konvenut ma pprezentax risposta guramentata.

Rat li l-partijiet kienu talbu li l-gbir tal-provi jigi sospiz ghal xi zmien peress li kienu qed jippruvaw jiftehmu dwar separazzjoni bonarja.

Rat li fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2012 il-partijiet kienu pprezentaw ghall-approvazzjoni tal-Qorti abbozz ta' kuntratt ta' separazzjoni.

Rat li fit-23 ta' Marzu 2012 b'nota kongunta il-partijiet iddikjaraw li r-raguni ghas-separazzjoni personali taghhom hi illi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ai termini tal-Artikolu 38 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta[1] stante li t-tnejn kienu kkommettew adulterju.

Rat li l-abbozz tal-kuntratt kien gie approvat mill-Qorti fl-udjenza tat-8 ta' Mejju 2012.

Rat li l-kuntratt baqa' ma giex ppubblikat nonostante diversi tentativi da parti tal-Avukati tal-partijiet. Jirrizulta mill-atti illi dan kien rizultat tal-fatt li l-konvenut kien qed jirrifjuta li jhallas sehemu mill-ispejjez relatati mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt.[2]

Rat li fin-nuqqas tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha;

1 Fol. 129
2 Fol. 142 – verbal tal-udjenza tal-11 ta' April 2013

Ikkunsidrat;

Illi l-partijiet izzewgu fl-24 ta' April 2002 u minn dan iz-zwieg kellhom tifla Shaya, li twieldet fid-9 ta' Jannar 2006.

Illi b'kuntratt tal-24 ta' Settembru 2002 huma tterminaw il-komunjoni tal-akkwisti li kien hemm bejniethom u adottaw ir-regim tas-separazzjoni tal-beni.

Illi l-partijiet m'ghadhomx jghixu taht l-istess saqaf u l-minuri tghix ma' ommha.

Illi z-zewg partijiet ex admissis iddikjaraw permezz tan-nota konguntiva taghhom illi kkommettew adulterju u ghalhekk kienu qed jaccettaw li ddekadew mid-dritt li jitolbu mill-konjugi l-iehor jew l-ohra manteniment.

Illi fis-sena 2012 il-partijiet kienu ftehmu li l-konvenut ihallas mitejn ewro (€200) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri izda ma semmew xejn dwar spejjez ta' edukazzjoni u sahha. Ghalkemm il-partijiet ezebew abbozz tal-kuntratt ab bazi ta' dak li ftehmu u l-Qorti kienet awtorizzat il-pubblikazzjoni tieghu, il-kuntratt ma giex pubblikat. F'wahda mill-udjenzi gie spjegat lill-Qorti illi dan kien rizultat tal-fatt li l-konvenut irrifjuta li johrog sehmu mill-ispejjez.

Jirrizulta wkoll illi waqt il-proceduri ta' medjazzjoni li antecedew il-kawza, il-Qorti kienet b'digriet moghti fl-24 ta' Awissu 2009 ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment pendente lite ghall-minuri Shaya s-somma ta' mitejn ewro (€200 fix-xahar.

Ikkunsidrat;

**Responsabbilita' ghat-Tkissir taz-Zwieg**.

Ghalkemm l-attrici qed titlob fir-rikors guramentat minnha pprezentat li l-Qorti tiddikjara li ghat-tkissir taz-zwieg kien jahti unikament il-konvenut, jirrizulta mill-atti illi b'nota kongunta l-partijiet iddikjaraw li ghat-tkissir taz-zwieg taghhom kienu jahtu t-tnejn b'rizultat tal-adulterju rispettiv.

Ghaldaqstant b'hemmx lok li l-Qorti tinvesti dan l-aspett tal-vertenza una volta tirrizulta fl-atti ammissjoni inekwivoka taz-zewg partijiet f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant il-Qorti qed issib liz-zewg partijiet responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg taghhom f'sehem indaqs bejniethom.

**Manteniment ghall-minuri**.

Permezz ta' digriet *pendente lite* moghti fis-sena 2009 matul il-proceduri ta' medjazzjoni antecedenti l-kawza odjerna, l-konvenut kien gie kkundannat ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri s-somma ta' mitejn ewro (€200) kull erba' gimghat.[3]

Huwa indikat li l-manteniment ta' mitejn ewro kull erba' gimghat stabbilit pendente lite hames snin ilu ghandu jigi aggustat biex jirrifletti l-htigijiet tallum.  Inoltre minhabba li mill-atti jirrizulta li l-konvenut mhux dejjem jonora l-obbligu tieghu li jhallas il-manteniment tal-minuri kif ukoll li fil-passat kien hemm diversi episodji vjolenti bejniethom, hija l-fehma tal-Qorti li huwa aktar indikat li minflok tordna lill-konvenut ihallas nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u sahha tal-minuri, tordna li tithallas somma fissa mensilment bhala parti mill-manteniment sabiex taghmel tajjeb anke ghall-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha.  B'hekk jigi evitat safejn possibbli konflitti bejn il-partijiet b'dannu ghall-minuri.

Ghaldaqstant ser tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri s-somma ta' tlett mitt ewro kull erba' gimgha li tikkomprendi l-htigijiet kollha tal-minuri inkluz spejjez ta' edukazzjoni u sahha.

**Proprjeta' Parefernali**.

Fit-tielet talba taghha l-attrici qed titlob li l-konvenut iroddilha lura l-effetti mobbli taghha parafernali u fin-nuqqas jikkumpensaha bil-valur taghhom.

---

[3] Fol. 88

Minn ezami tal-abbozz tal-kuntratt mhux iffirmat wiehed jasal ghall-konkluzzjoni li fil-mori tal-kawza dan l-aspett tal-vertenza kien gie transat anke ghaliex b'digriet moghti fis-6 ta' Mejju 2009 il-Qorti kienet ordnat li l-attrici tkun akkumpanjata mill-Marixxalli tal-Qorti fid-dar matrimonjali sabiex tiehu hwejjigha.

F'seduta tas-16 ta' Gunju 2010 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr Fransina Abela, l-attrici kienet ivverbalizzat illi kienet qed tirtira t-tielet talba taghha peress li ma kienx baqalha aktar interess fiha stante ftehim milhuq bejn il-partijiet.[4]

Ghaldaqstant il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni aktar tat-tielet talba attrici.

**Spejjez Gudizzjarji**.

Illi mehuda in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz fosthom ir-rifjut ingustifikat li l-konvenut jersaq ghall-pubblikazzjoni ta' kuntratt li dwaru kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet, huwa ndikat li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ispejjez ta' din il-kawza.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi taqta u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba attrici; tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet u tiddikjara li ghat-tkissir taz-zwieg taghhom kienu jahtu z-zewg partijiet, f'sehem indaqs bejniethom.

2. Tilqa' t-tieni talba, tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri Shaya s-somma ta' tlett mitt ewro (€300) kull erba' gimghat b'effett millum b'dan illi ghall-perijodu antecedenti ghandu jibqa' vinkolanti d-digriet tas-26 ta' Gunju 2009 fuq imsemmi. Il-manteniment hawn stipulat ghandu jizdied kull sena fl-anniversarju ta' din is-sentenza skond l-indici tal-gholi tal-hajja u jibqa' jithallas anke wara li l-minuri taghlaq tmintax-il sena sakemm taghlaq tlieta u ghoxrien sena jekk tibqa' tistudja full-time. F'din l-ahhar eventwalita', f'kaz li l-bint tibqa' tghix

[4] Fol. 94

ma’ ommha l-attrici allura l-manteniment jithallas lill-ommha, u f’kaz li ma tibqax tirrisjedi ma’ ommha allura l-manteniment jithallas direttament lil Shaya sakemm taghlaq tlieta u ghoxrien sena.

3. Tordna li l-kura u kustodja tal-minuri Shaya tkun affidata esklussivament f’idejn l-omm bid-dritt li tapplika wahedha ghall-passaport tal-minuri minghajr il-htiega tal-firma tal-missier u wahedha tirtirah minghand l-awtoritajiet kompetenti. F’kaz ta’ safar temporanju tal-minuri mal-omm jew ma’ l-iskola li ma jeccediex hmistax-il gurnata ma jkunx mehtieg il-kunsens tal-missier.

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici stante li giet irtirata mill-istess attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------